# IL-KULT LEJN L-ANNUNZAZZJONI TAL-MADONNA F'GĦAWDEX

## mill-Kan. Dun Nikola Vella Apap

L-eqdem qima f'Għawdex lejn il-misteru ta' l-Annunzazzjoni tal-Madonna nsibuh fil-knisja l-qadima fil-Wied tal-Lunzjata limiti tar-Rabat. L-istoriku Achille Ferres (1838-1907) kiteb hekk fuq din il-Knisja: "Hija waħda mill-iktar knejjes qodma f'Għawdex imwaqqfa wara l-ħelsien tas-Seraċini u hija ta' titlu gust-patronat imwaqqaf minn Donna Sebilla D'Aragona fl-1347. Il-Knisja twaqqfet mill-benefizzju ta' Fra Paolo Tabone fl-1629. Il-kwadru tal-lum huwa tal-pittur Luca Granier u ħallsu Dr. D. Nikola Mangion. (1). L-istatwa tal-Madonna tal-Lunzjata hija xogħol l-istatwarju Għawdxi-Rabti Agostino Camilleri P.E.P. (18851979).

Fost l-iktar kwadri qodma f'Għawdex li juri l-Annunzazzjoni tal-Madonna huwa dak li jidher fil-kwadru l-qadim tal-Assunzzjoni tal-Madonna. Fis-sena 1644 il-kwadru titulari tal-Matriċi kien fih seba' bċejjeċ pittura. Il-lum dawn is-seba' bċejjeċ tal-kwadru titulari tal-Knisja Kattidrali jinsabu fil-mużew ta' l-istess Knisja.(2).

Fis-saqaf tal-Knisja Kattidrali l-ewwel kwadru tal-korsija juri l-Annunzazzjoni tal-Madonna. L-ewwel kwadru kien tpitter fis-sena 1915 mill-pittur Malti Profs. Ganni Vella (1885-1977); dak tal-lum sar fis-sena 1954 mill-istess pittur.(3).

Fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali tal-Knisja Arċipretali Bażilika u Kolleġġjata ta' San Ġorġ hemm kwadru kbir tal-Lunzjata, xogħol tajjeb ferm. 'L isfel fuq il-lemin ta' min iħares hemm l-arma li tagħtina ħjiel sewwa ta' meta tpitter dan il-kwadru. Sar fi żmien li kien jaħkem il-Gran Mastru Despuig (1736-1741) u fi żmien li fih Bartilnew Rull (wara Isqof) kien għadu Pirjol ta' San Ġwann (1738-1741), jiġifieri mpitter bejn l-1738 u l-1741 għax kieku sar qabel kien ikun hemm l-arma ta' xi Gran Mastru ieħor. (4).

Fl-Oratorju ta' l-istess Bażilika nsibu wkoll kwadru ieħor iżgħar u qadim ta' l-Annunzazzjoni. Dan il-kwadru huwa xogħol tajjeb ħafna. Tgħid kien il-kwadru tal-Lunzjata f'Għajn Qatet imsejjaħ ta' Platamun u pprofonat fl-1657 (5). Dejjem fil-Bażilika ta' San Ġorġ insibu wkoll żewġ kwadri oħra tal-Lunzjata. Ta' l-ewwel huwa xogħol il-pittur Ruman l-Profs. Gann Battista Conti (1878-1970) impitter fl-1964 u mħallas mill-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai Prel. Dom. (1891-1981) (6). Tat-tieni huwa tal-mużajk u jinsab fil-koppletta ta' San Mikiel u tpoġġa f'Novembru tal-1985. (7).

Fil-Knisja Kolleġġjata, Matriċi u Bażilka ta' l-Għarb insibu ħames kwadri tal-Madonna. Wieħed minnhom huwa tal-Annunzazzjoni, li sar lejn is-sena 1852 u mħallas minn Guiseue Andrea Haber. (8).

Fil-Knisja Kolleġġjata u Bażilka tax-Xagħra nsibu żewġ kwadri ta' l-Annunzazzjoni tal-Madonna. Wieħed tal-pittur Antonio Falzon, li tpitter fis-sena 1861, l-ieħor fis-saqaf li huwa tal-pittur Ruman Profs. Virginio Monti (1860-1940).(9).

**ikompli f'paġna 33**

Fil-mużew ta' l-Iskultura tal-Knisja Arċipretali tax-Xewkija taħt il-Kwadru ta' l-Immakulata u San Pawl fl-iskarnell ta' l-artal tal-ġebel insibu pittura ta' l-Annunzazzjoni tal-Madonna. Dan il-kwadru żgħir maħdum fin ħafna.
Fil-Knisja Matriċi u Arċipretali taż-Żebbuġ fis-sena 1945 saru żewġ kwadri ma' ġemb il-kwadru titulari tal-Kor. Dawn huma ta' l-Annunzazzjoni u tal-Viżitazzjoni tal-Madonna. Ġew impittrin mill-pittur Malti Envin Cremona, u mħallsa minn Antonio Cini u l-familja (10).
Fil-Knisja l-qadima ta' Għajnsielem wieħed mill-erba kwadri tal-Madonna mpittrin fl-1914 mill-pittur Malti-Belti Ġużeppi Cali' (1846-1930) huwa dak li juri l-Annunzazzjoni tal-Madonna. (11).
Fis-Santwarju - Bażilka tal-Madonna ta' Pinu nsibu żewġ kwadri tal-Madonna Annunzjata. Wieħed tpitter fis-sena 1928 mill-pittur Malti Anthony Caruana. Flok dan il-kwadru (li llum jinsab fis-sagristija tal-Bażilka) sar ieħor tal-mużajk fuq id-disinn tal-pittur Envin Cremona miġbur mill-flus ta' Frenċ Merċieca (Tal-Għarb). (12).
B'dan l-aħħar tagħrif storiku reliġjuż fuq il-kult (Qima) lejn Marija Annunzjata niġi għall-egħluq ta' din il-kitba.

**RIFERENZI**


1. Achille Ferres. Descrizione Delle Chiese di Malta e Gozo. pp. 562, 563.
2. Joe Bezzina. Marian Devotions In the Islands of St. Paul (1600-1800). The Veneration of Our Lady in Gozo. p. 222.
3. Kan. Dun Nikola Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex Ms. Vol. I. p. 37.
4. John Bezzina. Il-pittura fil-Bażilka ta' San Ġorġ (Storja u Tifsir). p. 28.
5. Ibid. Op. Cit. p. 28.
6. Kan. Dun Nikola Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol. II.p. 156.
7. Kan. Dun Nikola Vella Apap. "Kronaka" Ms. Vol. XV. p. 64.
8. Kan. Dun Nikola Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol. III. p.II.
9. Julian Refalo Rapa (Can.) The Xagħra Munumental Church. pp. 20, 48.
10. Dun Ġużepp Vella M.S. Chaplain Maj. U.S.A.F. Iż-Żebbuġ il-Parroċċa ta' Santa Marija. p. 115.
11. Kan. Dun Nikola Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol. VI. p. 68.
12. Ibid. Op. Cit. Vol. VII. p. 18.



**GRAZZI MILL-QALB:-**

**LIS-SUR TOMMY PIROTTA TA' 'MARY'S HOUSE' VALLETTA, LI ĠENTILMENT OFFRILNA R-RITRATT TA' QUDDIEM BIL-KULUR TAL-LUNZJATA. GRAZZI ĦAFNA.**